MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 129/2013

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Spiridione sive Dione Bartolo u martu**

**Mary Tania sive Tania Bartolo, bhala**

**debituri principali u s-socjeta`**

***Kruger Brent Development Limited***

**bhala garanti solidali**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur fuq indikat datat is-7 ta’ Frar, 2013, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet s-segwenti:

1.1. Illi b’kuntratt in atti tan-Nutar John Debono datat it-8 ta’ Frar, 2008, (ara foll 4), il-bank rikorrenti ikkonceda facilita` *t’overdraft* lill-intimati konjugi Bartolo fuq indikati;

1.2. Illi rizultat tal-istess l-imsemmija intimati ghandhom debitu bilancjali favur l-istess socjeta` rikorrenti ta’ seba` mija u sitt elef, seba` mija u disgha Ewro, u wiehed u disghin centezmu, (€706,709.91), u dan, kif jidher mill-anness *statement*, (ara foll 10), u bl-interessi kif indikati fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 1);

1.3. Illi l-intimati konjugi Bartolo ggarantew l-istess facilita` b’ipoteka generali fuq hwejjighom kollha, prezenti u futuri, oltre ipoteka specjali fuq blokk bl-isem ta’ *“Seagull Flats”*, Triq il-Marfa, il-Bajja tal-Mellieha, il-Mellieha, kif deskritta fl-istess rikors guramentat promotur;

1.4. Illi *di piu`*, s-socjeta` intimata *Kruger Brent Development Limited* iggarantiet il-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu b’mod solidali permezz ta’ ipoteka generali fuq il-hwejjeg kollha taghha prezenti u futuri;

1.5. Illi l-intimati konjugi Bartolo naqsu jeffettwaw il-pagamenti akkont kif pattwit;

1.6. Illi *nonostante* li l-intimati gew debitament interpellati biex jaghmlu tajjeb ghad-debitu *de quo*, anke b’ittra

ufficjali datata s-26 t'Ottubru, 2012, (ara foll 12), dawn baqghu inadempjenti;

1.7. Illi in vista tal-premess is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din m'ghandiex:

1.7.1. Tikkundanna lill-intimati kollha *in solidum* biex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' seba` mija u sitt elef, seba mija u disgha Ewro u wiehed u disghin centezmu, (€706,709.91), kif fuq indikat, bl-interessi dovuti ukoll kif indikat fir-rikors guramentat promotur sad-data ta' l-effettiv pagament;

1.7.2. Bl-ispejjez kollha, inkluz it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq id-drittijiet professjonali, fuq l-ittra ufficjali datata s-26 t'Ottubru, 2012, u bl-imghaxijiet legali mill-11 ta' Dicembru, 2012, sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-intimati *in solidum*;

2.0. Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimati kollha datata t-8 ta' Marzu, 2013, li permezz taghha sintetikament irrispondew bil-mod segwenti:

2.1. Illi mill-kuntratti riferiti fir-rikors promotur ma tirrizulta l-ebda skadenza ta' pagament;

2.2. Illi l-intimat Bartolo dejjem hallas l-imghaxijiet dovuti f'waqthom;

2.3. Illi l-intimati ma kissru l-ebda obbligu naxxenti mill-istess kuntratti in dizamina;

2.4. Illi ma jaqblux ma' l-ammonti mitluba mis-socjeta` rikorrenti;

2.5. Salv eccezzjonijiet ohra;

3. Semghet ix-xhieda prodotta;

4. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti inkluz id-dikjarazzjoni guramentata prodotta;

5. Rat in-nota ta’ l-intimati datat t-12 ta’ Frar, 2015, li permezz taghha l-istess intimati **ammettew** it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti kif minnha dedotti fir-rikors guramentat promotur, (ara foll 49);

Ikkunsidrat:

6.0. Illi in vista ta’ l-istess ammissjoni din il-qorti tqis li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u ghalhekk, filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha ta’ l-intimati, takkolji t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement:

**DECIDE:**

6.1. Tikkundanna lill-intimati kollha fuq indikati biex *in solidum* ihallsu s-somma ta’ seba` mija u sitt elef, seba` mija u disgha Ewro u wiehed u disghin centezmu, (€706,709.91), lis-socjeta` rikorrenti fuq ukoll indikata, u dan, bl-interessi skont il-ligi kkalkolati sa’ l-10 ta’ Dicembru, 2012, oltre imghaxijiet ulterjuri mill-11 ta’ Dicembru, 2012, sad-data ta’ l-effettiv pagament;

6.2. Bl-ispejjez *in solidum* kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-imsemmija intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------